MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Numru 179/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Mario Bonnici)
**vs**
**Kenneth Joseph Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Joseph Tabone ta’ 26 sena, bin Joseph u Josephine nee’ Callus, imwieled Pieta fis-6 ta’ Marzu 1975, u residenti Flt 3 No 2, Mifsud Court, Triq Guze Ellul, Pieta, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 140875(M).
Talli fl-4 ta’ Marzu 2002, ghall-habta tal-hdax u ghaxra ta’ filghodu, gewwa City Gate, Furjana;

1.bi vjolenza, jew b'theddid gieghel Ufficjal Pubbliku u cioe' lil PC 450 Joseph Borda, li jaghmel jew li ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mall-kariga tieghu;
2.talli ukoll attakka, jew ghamel rezistenza jew hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 225 Patrick Bonnici u PC 450 Joseph Borda, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, jew filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi, jew ta' ordni moghti mill-awtorita kompetenti;
3.talli ukoll ingurja jew hedded, jew ghamel offiza ta' natura hafifa fuq persuna ta' PC 450 Joseph Borda b'hekk ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 450 Joseph Borda, skond kif iccertifika Dr.Stanley Zammit M.D. tal-Floriana Health Centre, wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgha, jew li jinfluwiexxi fuqu kontra ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. talli ukoll ghamel hsara volontarja fuq l-uniformi ta' PS 225 Patrick Bonnici u dan ghad-detriment tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5. talli ukoll ma obdiex l-ordni legittimi ta' awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel lil PS 225 Patrick Bonnici u PC 450 Joseph Borda;
6. talli ukoll irrifjuta li jaghti il-partikularijiet tieghu lil Pulizija meta hekk gie mitlub;
7. talli ukoll qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;
8. talli ukollkiser il-bon ordni pubbliku bl-ghajjat u glied;
9. talli ukoll ipparkja il-vettura numru FBY 654 f'post iprojbit.
Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.
Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.
Rat li fis-seduta ta'llum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l-Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni.
Issibu hati ta' reati that l-Artikolu 95 u 325 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah mill-ohrajn.
Rat l-Artikoli 95, 325 u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 28A u 28 H tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu bit-tama li l-akkuzat jaqbad toroq ohra issa li ghadu relettivament zghir.
Tikkundannah sena (1) prigunerija liema sentenza m'ghandiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor soggett ghall-prigunerija fi zmien sena u nofs m'llum u tordna lill-hati jhallas lill-Kummissarju tal-Pulizija s-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60) danni kkagunati f'uniformi ta' Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------